Minuti tat-67 (sebgħa u sittin) Laqgħa *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fit-8.00a.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Farrugia

Il-laqgħa bdiet b'talba fit-8.00a..m.

Is-Sindku li ppresieda din il-laqgħa *ad hoc* għadda għall-uniku materja fuq l-aġenda, il-kriterji għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi-Sindku is-Sur Anthony Borg informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Bord tal-Għażla iltaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012 u evalwa s-7 applikazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Qal li minn dawn is-sebgħa, tnejn biss kienu l-kandidati eleġibbli. Qal ukoll li waqt il-laqgħa, il-Membri tal-Bord qablu unanimament illi l-kriterji li fuqhom għandu jimxi l-Bord għall-għażla tas-Segretarju għandhom ikunu dawk stabiliti fil-Linji Gwida għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (Memo 4/2012).

Is-Sindku staqsa jekk dawk li ma kienux eleġibbli kienux ġew infurmati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi lil dawn kienet intbagħtitilhom ittra li m'humiex eleġibbli skond ma kien irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lil dawk eleġibbli kien bagħatilhom il-ġurnata u l-ħin biex jattendu għall-intervista. Is-Sindku u s-Sur Lorry Apap staqsew wkoll jekk li wieħed ikollu l-*Accounts* kienitx waħda mill-kwalifiki neċessarji għal kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal li ftit ta' żmien ilu hekk kien isir. Huwa kompla billi qal li mela flok 'l quddiem morna lura, dan għar-raġuni li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma żammx il-kriterji li kien hemm, bil-konsegwenza li issa jrid jitqabbad *accountant* biex jagħmel dan ix-xogħol u dan mill-allokazzjoni żgħira li jingħata l-Kunsill madwar €133,000 fis-sena. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap qal li hu tajjeb li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali weħħel lill-Kunsill madwar €600 f'multi għax il-Kunsill naqas milli jirrispondi Mistoqsijiet Parlamentari u mbagħad ma jimpurtax li naqqas il-kwalifiki għall-ħatra ta' Segreterju Eżekuttiv. Qal ukoll li hi ħaġa tal-iskantament illi f'din il-leġislatura saru 66 Laqgħa tal-Kunsill fejn 2/3 minnhom kienu jitrattaw l-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Is-Sindku irrakkomanda lill-Membri tal-Bord biex jagħmlu għażla bil-għaqal għaliex issa li dan il-Kunsill wasal fi tmiem il-leġislatura tiegħu, ma jkunx ġust għall-Kunsill il-ġdid li l-aktar li jkun ser jaħdem miegħu. Huwa qal ukoll li ser ikompli jaħdem biex ix-xogħol li hawn pendenti f'din il-leġislatura jingħalaq.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35a.m.

Joseph Farrugia
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg
Sindku


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555